MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Numru 493/2014

**Spettur Melvin Camilleri**

**Vs**

**Seykou Ballde**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Seykou Ballde bin Kafi u Hawa Nyamgo, mwieled Guinea f' 1982, residenti Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 47996A u Numru tal-Immigrazzjoni 07-KKK19;

Talli fil-Marsa fit-18 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-21.50hrs;;

1) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wahda inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil WPS 33 Bernardette Valletta waqt li kienet qd taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuhqa kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna ta’ wahda inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil WPS 33 Bernardette Valletta waqt li kienet qed tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi;
3) Ikkaguant offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Josephine Al Suleyman;
4) Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat jew b’mod iehor;
5) Ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen u indicenti;
6) Gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez b’periklu li jahbat ma’ xi hadd u jweggghu;
7) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
8) Ma obdix ordnijiet legittimi ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u ma hllihx u fixklu waqt li qed jaghmel id-dmirijiet tieghu;
9) F’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;
10) Hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u cioe lil Jsephine Al Suleyman;
11) Offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’post pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbilku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni fi stadju ta’ gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-istess ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li dik l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A kif emendat, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat gia’ ghamel zmien f’arrest preventif fuq dawn l-akkuzi, u ghalhekk piena ta’ prigunerija kellha tiehu dan kollu in konsiderazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 338(m), 338(bb), 338(cc), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(1)(d), u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------